*Ejjew naghtu ġieh lil Xmun Pietru,*
*Ilkoll, bl-akbar ferħ, kull tifħir,*
*Kburin bil-patrun, maħbub tagħna,*
*Magħdud minn kulħadd b'qaddis kbir.*

# Il-Kappella tal-Kunċizzjoni f'Benghajsa 1861–2011

*Arthur Grima*

Ftit passi 'il bogħod mir-raħal ta' Birżebbuġa, insibu l-inħawi magħrufa bħala 'Bengħajsa'. Dan il-post jinsab bejn Kalafrana u Ħal-Far. Hawnhekk niltaqgħu ma' kappella ċkejkna. Din il-kappella hija ddedikata lil 'Marija Immakulata'.



*Il-faċċata tal-Kappella bil-qampiena il-qadima.*

Illum il-ġurnata, din il-kappella tagħmel mal-parroċċa ta' Birżebbuġa, imma qabel, fl-1913, il-kappella kienet tagħmel mal-parroċċa taż-Żurrieq. Il-Kappella kienet ġust patronat u kienet ta' familja miż-Żurrieq bil-laqam 'tat-Tamburett'. Fl-1822, flok din il-kappella, kien hemm waħda iżgħar, imma fl-1861 din kienet twaqqgħet biex inbniet dik li naraw illum. Filwaqt li dik li kien hemm qabel inbniet min Dun Ġakbu Gauci, dik ta' llum inbniet min-neputi tiegħu Dun Ġużepp Gauci, it-tnejn miż-Żurrieq. Il-kappella kienet ġiet imbierka b'mod solenni nhar il-15 ta' Jannar 1862 mil-Isqof ta' dak iż-żmien, Mons Gaetano Pace Forno.



*Dun Ġużepp Gauci saċerdot miż-Żurrieq li fl-1861 bengħa din il-Kappella mill-ġdid.*

Il-ġebel li ntuża biex tinbena, inqata minn maġembha. Fil-fatt fuq il-lemin tagħha, hemm ħofra maqtuha fil-blat. L-ewwel ġebla tal-kappella tinsab fil-kantuniera fuq il-lemin, fuq in-naħa ta' wara, u xhieda ta' dan huwa salib minqux fuq il-kantun. Fil-kappella minn ġewwa nsibu artal wieħed, bi kwadru tal-Madonna l-ġmiel tiegħu. Is-saqaf huwa wieħed nofs tond li jistrieħ fuq diversi arkati. Fis-sagristija wieħed isib niċċa żgħira tal-ġebel li fiha titqiegħed l-istatwa ċkejkna tal-Kunċizzjoni. Insibu wkoll diversi kaxxa rezzi li fihom hemm l-abiti sagri.

Fil-faċċata minn barra, jinstab il-bieb ewlieni bi tlett twieqi: waħda fuq kull naħa u oħra fuq il-bieb. Il-kampnar jinsab fuq il-faċċata, li kien inbena fis-sena 1947 u li ħa post ieħor li kien inbena meta nbniet il-kappella. Il-qanpiena li naraw illum għandha l-isem ta' 'Conċetta' tad-ditta 'Taylor' tal-Ingilterra. Din ukoll ħadet post



*Il-qampiena bl-isem ta 'Concetta' tidher tielgħa fil-kampnar il-ġdid*



*Mons Pietru Pawl Saydon*
*li kien wieħed mir-retturi tal-Kappella*

oħra li kien hemm qabel li kienet inqasmet. Il-qanpiena kienet ittellgħet fil-kampnar fis-sena 1947 u tbierket mill-kappillan Dun Anġ Fenech. Fuq wara hemm qanpiena oħra iżgħar bl-isem ta' 'Montabello'. Din kienet fuq vapur u nġiebet min Manoel Island fi żmien il-gwerra.

Matul iż-żmien, din il-kappela kellha diversi retturi fosthom Mons Pietru Pawl Saydon. Dan kellu wkoll ir-residenza tiegħu tas-sajf ftit 'l isfel mill-kappella. F'din id-dar, Mons Saydon kien għamel ħafna mit-traduzzjoni tal-bibja għal-lingwa Maltija. Fi żmien li dam hemm. Mons Saydon kien jagħmel ġmiel ta' festa nhar il-Kunċizzjoni, kif wkoll festa sabiħa tal-'Qalb ta Ġesu'. Ftit ta' snin ilu fil-festa kienu jieħdu sehem il-baned tal-lokal u kien isir wkoll logħob tan-nar tal-ajru.

Fis-sena 1986, fuq inizzjattiva ta' Feliċ Schembri li flimkien ma' irġiel min dawn l-inħawi kienu taw bidu għar-restawr tal-kappella, fejn saru xogħlijiet fosthom paviment ġdid tal-irħam ta' Għawdex, kif ukoll ta' żebgħa. Xogħol ieħor kien sar fejn tidħol għamara tal-injam, bħal artal mejda, konfessjunarju, via sagra, pedestall u bradella għall-istatwa.

Ħaġa li ma nistax inħalli barra hija r-rabta li għanda l-familja Schembri 'tal-Qamħa' ma' din il-kappella. Fil-fatt, sa mill bidu, Feliċ Schembri kien jieħu ħsieb din il-kappella, warajh ibnu Mikiel, u fil-preżent Ġużepp Schembri li hu iben Mikiel u li ilu jieħu ħsieb il-kappella għal-iżjed minn 70 sena. Sa llum il-ġurnata, din il-kappella għadha taqdi l-funzjoni li għaliha ġiet mibnija 150 sena ilu. Ta' kull nhar ta' Ħadd, fis-sebgħa ta' filgħodu, issir quddiesa, filwaqt li jsiru wkoll funzjonijiet taż-żwieġ u wkoll min żmien għal żmien xi rtiri, u dan għal fatt li l-post għadu jgawdi s-serenità u l-ġmiel tal-kampanja.

Ir-rettur preżenti li għandha l-kappella huwa Dun Gużepp Berry. Fl-aħħar irrid insellem il-memorja ta' bosta benefatturi li tul dawn il-150 sena taw il-kontribut tagħhom u nawgura li jkun hemm iżjed biex għal li ġej tkompli tiffonzjona dejjem għall-glorja ta' Alla u taħt l-ħarsien ta' Marija Immakulata.



*Dehra min ġewwa*
*tal-Kappella tal-Kunċizzjoni*